MT

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 16.12.2008-
SEC(2008) 3084

ID-DOKUMENT TA’ ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

dokument li jakkumpanja l-

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Pjan ta' Azzjoni għall-Iżvilupp ta' Sistemi Intelliġenti tat-Trasport fl-Ewropa

u l-

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi qafas għall-użu ta' Sistemi Intelliġenti tat-Trasport fil-qasam tat-trasport bit-toroq u għall-interkonnessjonijiet tagħhom ma' modi oħrajn ta' trasport

SINTEŻI TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

{COM(2008) 886 finali}
{COM(2008) 887 finali}
{SEC(2008) 3083}

MT MT

Sinteżi tal-Valutazzjoni tal-Impatt

1. AMBITU, PROĊESS U KONSULTAZZJONIJIET

L-eżami ta' nofs it-term tal-White Paper tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Politika tat-Trasport tissuġġerixxi li l-innovazzjoni ser tikkontribwixxi konsiderevolment biex tagħmel it-trasport bit-toroq aktar sostennibbli (jiġifieri sikur, effiċjenti, nadif u bla intoppi), partikolarment billi tapplika t-teknoloġiji informatiċi u l-kommunikazzjoni: **Sistemi Intelliġenti tat-Trasport (SIT).** Eżempji fit-trasport bit-triq huma l-immaniġġjar dinamiku tat-traffiku, l-informazzjoni f'ħin reali tat-traffiku u l-apparat tan-navigazzjoni. L-eżerċizzju preżenti jiffoka fuq it-trasport bit-triq u l-interkonnessjonijiet tiegħu ma' modi oħra ta' trasport (komodalità).

Il-**konsultazzjonijiet** mal-partijiet konċernati kkonkludew li l-adottar kajman tas-SIT fl-Ewropea huwa prinċipalment minħabba n-nuqqas ta' kopertura madwar l-Ewropa kollha u varar konsistenti u armonizzat tal-użu. Il-varar tas-SIT għandu jkun għodda biex jintlaħqu l-miri ta' politika u l-UE għandha ġġorr aktar responsabbiltà fil-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tas-SIT. Fost il-**prijoritajiet** tal-varar **tas-SIT Ewropej** immexxi mill-politika, ġew enfasizzati l-koordinazzjoni u l-ftehimiet f'livell għoli dwar l-interoperabbiltà.

2. ID-DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA: GĦALIEX JEĦTIEĠ AZZJONI?

2.1. In-natura tal-problema

Is-soluzzjonijiet tas-SIT fit-trasport bit-triq qed jiġu adottati **aktar bil-mod** milli kien mistenni u s-servizzi qed jitvaraw **b'mod frammentat**. Dan wassal għal ġeġwiġija ta' soluzzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali li thedded l-integrità tas-suq uniku. Għaldaqstant, is-SIT ma jistgħux jikkontribwixxu effikaċement favur l-indirizzar tal-isfidi dejjem jikbru fit-trasport bit-triq.

- L-ispejjeż tal-**konġestjoni tat-traffiku** jammontaw għal medja ta' 1 % tal-PGD fl-UE.
- It-trasport bit-triq jirrappreżenta 72 % tal-**emissjonijiet tas-CO_2** kollha b'rabta mat-trasport, li żdiedu bi 32 % (1990-2005).
- **L-inċidenti fatali** tat-traffiku bit-triq għadhom jammontaw 42 953 (2006), li huma 6 000 aktar mill-mira intermedja stabbilita ta' 25 000 sal-2010 (tnaqqis ta' 50 % mill-2001).

Il-fatturi ewlenin tal-problema jinkludu:

(1) **(nuqqas ta') interoperabbiltà** tal-applikazzjonijiet, sistemi u servizzi;

(2) **(nuqqas ta') kooperazzjoni effettiva** fost il-partijiet interessati u nuqqas ta' viżjoni;

(3) **kwistjonijiet mhux solvuti ta' privatezza u responsabbiltà għad-dejta.**

2.2. X'jiġri jekk ma jsir xejn?

F'ambjent dejjem aktar ta' sfida jkun tassew diffiċli biex jintlaħqu l-għanijiet ewlenin tal-politika (tat-trasport) bil-livell baxx attwali tal-adottar mis-suq. Trasport tal-merkanzija bit-triq ser jiżdied b'55 % sal-2020 u t-trasport tal-passiġġieri bit-triq bi 36 %[1]. Il-konġestjoni ser tikber. Fl-Ingilterra, pereżempju, huwa mistenni li sal-2025 tilħaq it-13 % tal-ħin totali mqatta' fit-traffiku (madwar valur ta' £22 biljun f'ħin); fl-Olanda jiżdied bi 30 % sal-2020[2].

---

[1] Studju tal-ASSESS għall-eżami ta' nofs it-term tal-White Paper tal-KE dwar it-Trasport, "Inżommu lill-Ewropa Miexja", 2006.

[2] European Conference of Ministers (2007): Congestion: A global challenge; CEMT/ITF(2007)6.

Fatalitajiet stradali fl-UE x'aktarx ikunu laħqu 32 500 fl-2010, ħafna aktar mill-mira tal-UE ta' 25 000[3]. L-emissjonijiet tas-CO_2 mit-trasport ser jikbru bi 15 % oħra sal-2020[4]. Soluzzjonijiet frammentati ser jirriżultaw fi żvilupp kajman tas-suq għas-SIT, u tintilef l-opportunità li tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur.

2.3. Id-dritt tal-UE biex taġixxi u l-prinċipju tas-sussidjarjetà

Skont il-Politiki Komuni tat-Trasport u tan-Netwerks Trans-Ewropej (**l-Artikoli 71(1), 80(1), 154 u 155 tat-Trattat KE**) l-UE għandha d-dritt taġixxi. L-alternattivi ta' politika proposti jħarsu l-prinċipju tas-**sussidjarjetà**, minħabba li l-varar transnazzjonali biex jiġu realizzati servizzi transkonfinali Ewropej armonizzati għall-informazzjoni tat-traffiku u l-ivvjaġġar u l-immaniġġjar tat-traffiku ma jistgħux iseħħu b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri. Mingħajr ebda azzjoni ulterjuri tal-UE, l-Istati Membri jkomplu jiżviluppaw soluzzjonijiet individwali bil-ħolqien ta' spettru teknoloġiku frammentat li jippreġudika l-armonizzazzjoni u l-istandardizzazzjoni, jew iwassal għal proċessi twal għall-interoperabbiltà. Azzjoni fil-livell Komunitarju twassal għal benefiċċji f'termini ta' effetti (pereżempju, ta' regoli komuni dwar ir-responsabbiltà jew is-sigurtà tad-dejta) u skala (pereżempju, it-tnaqqis tal-ispejjeż għall-applikazzjonijiet tas-SIT minħabba speċifikazzjonijiet komuni).

3. L-GĦANIJIET

L-għan ġenerali ta' din l-inizjattiva huwa li jitvaraw il-**mekkaniżmi neċessarji biex iħeġġu l-adottar tas-servizzi tas-SIT** għat-trasport bit-triq u l-interkonnessjonijiet tagħhom ma' modi oħra ta' trasport.

L-għanijiet speċifiċi jinkludu:

- li tiżdied l-**interoperabbiltà**, fejn jiġi żgurat aċċess bla intoppi għas-servizzi u tisseddaq il-kontinwità tagħhom;
- li jitwaqqaf mekkaniżmu ta' **kooperazzjoni effiċjenti** fost il-partijiet konċernati kollha tas-SIT;
- li jissolvew kwistjonijiet ta' **privatezza u responsabbiltà**.

4. L-ALTERNATTIVI TA' POLITIKA

Alternattiva ta' Politika A (xenarju bażiku): l-ebda azzjoni ġdida addizzjonali

Din l-alternattiva tqis l-azzjonijiet kurrenti tal-Kummissjoni, pereżempju, ir-riċerka speċifika, l-Inizjattiva tal-Karozza Intelliġenti (riċerka, armonizzazzjoni teknika u kuxjenza), appoġġ għall-varar (EasyWay, CIVITAS), standardizzazzjoni iżolata u konsultazzjoni tal-partijiet konċernati. Is-servizzi tal-Kummissjoni ser ikomplu jużaw l-appoġġ finanzjarju għar-riċerka u l-varar, il-ftehimiet volontarji, il-mandati speċifiċi ta' standardizzazzjoni u ħidma (limitata) regolattiva, imma jkun hemm ftit koordinazzjoni bejn is-settur pubbliku u privat u bejn l-Istati Membri.

Alternattiva ta' Politika B: Konċentrazzjoni fuq azzjonijiet u koordinazzjoni faċilitattivi

L-alternattiva ta' politika B tindirizza l-għanijiet permezz tal-**azzjonijiet prijoritarji** orizzontali li ġejjin:

---

3 COM(2006)74, Programm ta' Azzjoni Ewropew għas-Sikurezza tat-Toroq reviżjoni f'Nofs it-Term.

4 L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent: Climate for a transport change. TERM 2007. Ir-Rapport EEA Nru 1/2008.

(1) id-definizzjoni ta' **pjattaforma funzjonali miftuħa fil-vettura** li tippermetti użu multiplu ta' elementi kruċjali;

(2) it-twaqqif ta' **Grupp f'Livell Għoli** bħala forum għall-partijiet konċernati tas-SIT (skambju tal-informazzjoni, viżjoni, linji gwida);

(3) id-definizzjoni ta' qafas għal użu ottimizzat tad-**dejta stradali u tat-traffiku**;

(4) l-iżgurar tal-**kontinwità tas-servizzi tas-SIT;**

(5) l-indirizzar tal-kwistjonijiet tas-**sigurtà tad-dejta, privatezza** u **responsabbiltà**.

Alternattiva ta' Politika B+: Alternattiva B estiża bi proċedura tal-kumitoloġija

Alternattiva B+ tibni fuq l-istess miżuri bħal dawk introdotti fl-alternattiva B imma tifformalizza l-aspett koordinattiv. Il-Grupp f'Livell Għoli jiġi ssostitwit minn:

(6) Kumitat Ewropew għas-SIT (*European ITS Committee* **-** EIC), magħmul mir-rappreżentant tal-Istati Membri biex jassisti lill-Kummissjoni fl-adottar ta' miżuri speċifiċi f'oqsma definiti b'mod ċar (jiġifieri miżuri bażiċi effettivi tal-Alternattiva B) permezz ta' proċedura tal-kumitoloġija, u

(7) **Grupp Konsultattiv Ewropew għas-SIT** magħmul minn rappreżentanti minn pereżempju l-industrija, operaturi tat-trasport, utenti u fora u assoċjazzjonijiet oħra rilevanti, li jagħtu pariri lill-Kummissjoni dwar l-aspetti ta' negozju u tekniċi.

Il-Kummissjoni, assistita mill-EIC:

- tiskambja informazzjoni mal-Istati Membri u tiżviluppa viżjoni kumplessiva;
- timmonitorja l-iżvilupp ta' linji gwida u proċeduri;
- skont il-mandat tagħha, u fejn meħtieġ, tiddeċiedi dwar azzjonijiet speċifiċi:

  (1) għall-istabbilment ta' rekwiżiti tekniċi u speċifikazzjonijiet, partikolarment fl-oqsma prijoritarji identifikati;

  (2) għall-approvazzjoni tat-tip tat-terminals, t-tagħmir tan-netwerk u l-applikazzjonijiet softwer tas-SIT.

5. ANALIŻI TAL-IMPATT

5.1. Kunsiderazzjonijiet metodoloġiċi

L-analiżi hija bbażata fuq evidenza kwalitattiva, issuplimentata minn elementi kwantitattivi. L-alternattivi kollha tqabblu max-xenarju ta' referenza A. Il-**kriterji evalwattivi** jqisu kemm l-impatti diretti kif ukoll dawk indiretti:

Impatti dirett:

- titjib tal-interoperabbiltà u l-kontinwità tas-servizz;
- tisħiħ tal-kooperazzjoni u kooperazzjoni;
- tneħħija tal-inċertezzi rigward il-privatezza u r-responsabbiltà.

Impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali indiretti:

- ekonomiċi: koġestjoni tat-traffiku, kompetittività, konsumaturi, tkabbir;
- soċjali: sikurezza fit-toroq, impjiegi u sigurtà;
- ambjentali: bidla klimatika, kwalità tal-arja u storbju, effiċjenza enerġetika, komodalità.

Din il-valutazzjoni tal-impatt twettqet għal Pjan ta' Azzjoni wiesa' u li jiddefinixxi l-politika. Għaldaqstant, ma huwiex possibli li f'dan l-istadju titwettaq analiżi sħiħa tal-kosti u l-benefiċċji tal-miżuri konkreti.

Il-mudell tat-trasport TRANTOOLS[5] intuża biex jiġi ġġenerat kontribut kwantitattiv addizzjonali dwar l-impatti indiretti possibbli, minkejja li ma kienx kapaċi jivvaluta r-relazzjoni diretta bejn l-azzjonijiet proposti u l-varar tas-SIT.

5.2. Impatt tal-Alternattiva ta' Politika A - L-ebda azzjoni ġdida addizzjonali (xenarju bażiku)

Interoperabbiltà u l-kontinwità tas-servizzi: Il-varar operattiv tas-SIT ser ikompli jaffaċċa aċċess diffiċli għad-dejta rilevanti dwar it-traffiku u l-ivvjaġġar, speċjalment bejn il-fruntieri u bejn il-modi. Varar u armonizzazzjoni madwar l-Ewropa kollha ser ikunu preġudikati minn inizjattivi lokali u n-nuqqas ta' kooperazzjoni madwar l-Ewropa kollha. B'riżultat ta' dan, il-konsumaturi ser jaffaċċaw nuqqas ta' kontinwità fis-servizzi.

Kooperazzjoni u koordinazzjoni: Is-swieq ser ikomplu jsofru minn nuqqas ta' viżjoni u kooperazzjoni fost il-partijiet konċernati ewlenin li mhux ser iwassal għal tnaqqisiet fl-ispejjeż u r-riskji.

Il-**kwistjonijiet ta' privatezza u responsabbiltà** ser ikunu differenti skont il-fornitur tas-servizzi, l-operatur jew l-Istat Membru fejn jitforna s-servizz.

Is-simulazzjonijiet tat-TRANSTOOLS jindikaw li:

- il-konġestjoni tat-traffiku bit-triq, espress bħala konġestjoni vs ħin totali ta' sewqan, ser jiżdied minn 24.3 % (2007) għal 24.9 % (2012) u 28.6 % fl-2020 għall-UE-27;
- il-konsum tal-fjuwil u l-emissjonijiet tas-CO_2 ser jiżdied bi 15 % sal-2020 (UE-25);
- **l-ispejjeż esterni totali** (konġestjoni, inċidenti, storbju, tniġġis tal-arja u spejjeż b'rabta klimatika) ser jiżdiedu minn EUR 161.8 biljun fl-2007 għal EUR 193.3 biljun sal-2020.

[5] www.inro.tno.nl/transtools/index.html

5.3. Impatt tal-Alternattiva ta’ Politika B: Konċentrazzjoni fuq azzjonijiet u koordinazzjoni faċilitattivi

(1) Definizzjoni ta’ **pjattaforma funzjonali miftuħa** għas-Servizzi SIT (fil-vetturi).

Approċċ modulari għall-varar tas-SIT, inkluż pjattaforma fil-vetturi għat-telematiċi interoperabbli b’funzjonalitajiet miftuħa u maħsuba għal integrazzjoni tal-ipplakkjar tat-tagħmir nomadiku, ser itejjeb is-sinerġiji u jnaqqas l-ispejjeż.

(2) Titjib tal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni permezz tat-twaqqif ta’ **Grupp ta’ Livell Għoli**.

Grupp ta’ Livell Għoli SIT (GLGħ SIT) b’rappreżentanti mis-setturi kollha jgħin jiġġenera viżjoni ċara dwar ir-rwol tas-SIT fil-politiki (tat-trasport) Ewropej, filwaqt li pjan direzzjonali għall-varar madwar l-Ewropa kollha jnaqqas l-inċertezzi attwali (l-esplojtazzjoni, il-prospetti tas-suq). Investimenti koordinati mis-settur pubbliku ser iwassal għal inizjattivi u żviluppi fis-settur privat. Tali mekkaniżmu ta’ koordinazzjoni volontarja jġorr ċerti riskji: l-inkapaċità li jiġu kkontrollati l-proċessi u l-inċertezza dwar kemm ir-rakkomandazzjonijiet jiġu implimentati effikaċement.

(3) Qafas għal **ġbir ottimizzat, skambju u integrazzjoni tad-dejta stradali u tat-traffiku**.

ser jestendi l-funzjonalitajiet tas-servizzi eżistenti u jtejjeb il-livell tagħhom ta’ kwalità (preċiżjoni, kopertura, kompletezza).

(4) L-iżgurar tal-**kontinwità tas-servizzi** bejn il-fruntieri u bejn il-modi.

itejjeb il-komodalità u jsseddaq l-ekoloġismu tal-kurituri tal-merkanzija, billi l-aċċess f’ħin reali għad-dejta, u l-formati maqbula għall-iskambju tad-dejta u l-integrazzjoni tad-dejta, huma prirekwiżiti għall-forniment ta’ appoġġ bla intoppi għall-vjaġġaturi u t-trasportaturi.

(5) L-indirizzar tal-**kwistjonijiet ta' privatezza u responsabbiltà**.

għandu jixpruna sensiela ta’ applikazzjonijiet tas-SIT (pereżempju Twissija dwar il-Ħruġ mill-Karreġġjata (“Lane Departure Warning”), Sistemi tal-Ibbrejkjar għall-Evitar tal-Ħbit u għall-Emerġenza (“Collision Avoidance and Emergency Braking Systems”) li l-adottar usa’ fis-suq ser iwassal għal tnaqqis konsiderevoli ta’ inċidenti.

L-alternattiva B se tiġġenera l-impatti indiretti li ġejjin:

(a) Pjattaforma waħdanija b’interkonnessjoni unika, ċertifikata u ppożizzjonata sikurament għandha tnaqqas id-distrazzjoni tas-sewwieq u twassal għal tnaqqisiet importanti fl-ispejjeż minħabba s-sinerġiji, li jirriżultaw f’li l-**applikazzjonijiet tejjieba tas-sikurezza** jippenetraw b’mod aktar rapidu fis-suq. Is-Sejħa-e, li timmira għal tnaqqis fl-għadd ta’ fatalitajiet bl-aċċellerazzjoni tal-assistenza ta’ wara l-inċident, jibbenifika minn tali varar ta’ żieda, li jwassaq għal tnaqqisiet importanti fil-fatalitajiet (bejn 5-15 %[6]) u fil-ġrieħi gravi (bejn 10-15 %) madwar l-UE-27 sal-2020.

(b) Strateġiji tal-**immaniġġjar tat-traffiku** ser ikunu jistgħu jiġu estiżi aktar faċilment għal netwerks li jinterkonnettjaw , eż. netwerks stradali urbani/interurbani, bejn modi komplimentari ta' trasport.

[6] eCall SEISS Study (2006).

(c) **Informazzjoni f'ħin reali dwar l-ivjaġġar u t-traffiku** aktar affidabbli ttejjeb l-ippjanar effiċjenti u flessibbli tar-rotot, l-iffrankar tal-ħin u l-kontroll tat-tniġġis fuq partijiet sensittivi tan-netwerk stradali.

(d) Applikazzjoni mifruxa ta' miżuri tipiċi b'rabta mas-SIT għall-**merkanzija-e** hija mistennija li tirriżulta fi ffrankar ta' ħin b'10 % u ffrankar finanzjarju bi 8 %, filwaqt li r-rati tal-produttività għandhom jiżdiedu bi 3-10 % u l-ispejjeż tal-loġistika tal-merkanzija jonqsu bi 2-3 %[7].

(e) **Applikazzjonijiet oħra mis-settur pubbliku** jistgħu jiġu implimentati aktar faċilment, pereżempju konformità mar-regolamenti soċjali (ħinijiet tal-mistrieħ), trasport tal-annimali ħajjin, internalizzazzjoni ta' spejjeż esterni, monitoraġġ ta' merkanzija perikoluża, ġbir elettroniku ta' tariffi, takografi diġitali u s-Sejħa-e.

Is-simulazzjonjiet TRANSTOOLS jipprevedu li l-konġestjoni tat-traffiku tonqos b'madwar 2.5 % u l-ispejjeż fuq inċidenti b'7 % filwaqt li l-kooperazzjoni u s-sinerġiji mtejba jirriżultaw fi tnaqqis addizzjonali ta' 1 % tal-esterni kumplessivi.

5.4. Impatt tal-Alternattiva ta' Politika B+: Alternattiva B estiża bi proċedura tal-kumitoloġija

Skont l-Alternattiva ta' politika B+ id-delegati tal-Istati Membri jiġu mistiedna biex jaqblu mal-kollegi tagħhom dwar viżjoni komuni u dwar prijoritajiet għall-varar tas-SIT madwar l-Ewropea kollha, dwar l-armonizzazzjoni tas-servizzi u r-rekwiżiti minimi tagħhom (approċċ volontarju), dwar prijoritajiet għax-xogħol leġiżlattiv, standardizzazzjoni u finanzjament possibbli mill-KE. Il-gwadann ewlieni jiġi minn kooperazzjoni aħjar, **proċeduri eħfef tat-teħid tad-deċiżjonijiet** u anqas ħin għall-ipproċessar tax-xogħol leġiżlattiv.

L-applikazzjonijiet tas-SIT ser jitvaraw aktar malajr, li jwassal għal iffrankar abkar fil-ħinijiet tal-ivvjaġġar, l-inċidenti u l-emissjonijiet. L-Alternattiva B+ **tnaqqas** ukoll **ir-riskji** marbuta mal-ħidma ma' Grupp ta' Livell Għoli li jirrakomanda azzjonijiet purament volontarji.

L-industrija tibbenifika minn politika u viżjoni ċari u tkun tista' tibni servizzi b'valur miżjud fuq l-introduzzjoni (mandatorja) ta' miżuri speċifiċi tas-SIT ta' interess pubbliku. Il-konsumaturi jibbenifikaw minn disponibbiltà usa' ta' servizzi marbuta mas-sikurezza u l-kumdità fis-sewqan, u prezzijiet ibaxx minħabba l-ekonomiji fuq skala kbira.

Billi l-Alternattiva B+ taċċellera l-implimentazzjoni u l-varar tal-applikazzjonijiet tas-SIT, jista' jiġi preżunt li l-benefiċċji akkumulati se jkunu ogħla sal-2020.

5.5. Spejjeż amministrattivi

L-ispejjeż amminsitrattivi għall-Kummissjoni Ewropea jinkludu t-twaqqif ta' kooperazzjoni aktar intensa fost il-partijiet konċernati; il-koordinazzjoni tal-appoġġ finanzjarju għar-riċerka, t-testjar fil-ħajja reali u varar madwar l-Ewropa kollha; id-definizzjoni tar-rekwiżiti funzjonali u l-organizzar tal-istandardizzazzjoni tagħhom; it-twettiq ta' ħidma leġiżlattiva u monitoraġġ tal-progress. Jista' jkun li l-ispejjeż ikunu ogħla għall-Alternattiva B+ (EUR 70 000 *p.a.*) meta mqabbla mal-Alternattiva B. Madankollu, tnaqqis eħfef tal-kosti esterni, jirriżulta immedjatament fi ffrankar makroekonomiku ta' biljuni ta' euro.

[7] COM(2007) 607, Pjan ta' azzjoni ghal-logistika tat-trasport tal-merkanzija.

6. PARAGUN BEJN L-ALTERNATTIVI TA' POLITIKA

Impatti fuq...	L-interoperabilità	Il-kooperazzjoni	Il-privatezza u r-responsabbiltà
Alternattiva A l-ebda azzjoni ġdida addizzjonali	*Referenza*	*Referenza*	*Referenza*
Alternattiva B azzjonijiet u koordinazzjoni faċilitattivi	++	+	+
Alternattiva B+ estiża bi proċedura tal-kumitoloġija	++	++	+

Paragun bejn l-impatti diretti

L-**Alternattivi B u B+** jirrappreżentaw titjib kbir meta mqabbla mal-Alternattiva A. **L-Alternattiva B+** hija superjuri fuq il-kwistjoni tal-kooperazzjoni u tipprovdi bażi ottimali biex tipprosegwi b'ħeffa. Billi l-Kummissjoni tingħata l-possibbiltà li tipproponi leġiżlazzjoni permezz tal-kumitoloġija wara konsultazzjonijiet intensi mal-partijiet konċernati, ir-riskju li ma twassalx għar-riżultati mistennija skont l-iskadenzi stabbiliti jitnaqqas sew.

	Ekonomija				**Soċjetà**			**L-ambjent**		
Impatti fuq...	Tnaqqis ta' konġestjoni	Kompetittività	Konsumaturi	It-tkabbir	Sikurezza fit-toroq	Impjiegi	Sigurtà	Bidla Klimatika	Kwalità tal-Arja / Storbju	Effiċjenza Enerġetika
Alternattiva A l-ebda azzjoni ġdida addizzjonali										
Alternattiva B azzjonijiet u koordinazzjoni faċilitattivi	+	+	+	+	+	+	+	+	+	+
Alternattiva B+ estiża bi proċedura tal-kumitoloġija	++	++	+	+	++	+	++	+	+	+

Paragun bejn l-impatti indiretti

L-analiżi tikkonferma li meta mqabbla max-xenarju bażi kemm l-Alternattiva B kif ukoll B+ ser iwasslu għal impatt kumplessiv pożittiv fid-direzzjoni tal-għanijiet kollha tal-polika. Fl-Alternattiva B+ l-impatti pożittivi mistennija fuq il-konġestjoni, is-sikurezza stradali u l-emissjonijiet ser jintlaħqu qabel, għaldaqstant jirriżulta li din l-alternattiva hija aktar effikaċi billi jissalvaw aktar ħajjiet u jiġi ffrankat aktar ħin li kieku jinħela fit-traffiku, kif ukoll billi jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO_2.

B'konsiderazzjoni kemm tal-impatt dirett (l-ixprunar tat-tixrid tas-SIT) u l-impatt indirett (sostenn għall-politiki ekonomiċi, soċjali u ambjentali), **l-alternattiva ppreferuta hija l-Alternattiva B+**, għax twassal għal riżultati aħjar u qabel permezz tal-aspett b'saħħtu ta' kooperazzjoni u l-potenzjal għat-tħaffif tal-qbil fuq kwistjonijiet partikolari li jfixxklu l-varar tas-SIT madwar l-Ewropa.

L-istrument ġuridiku propost biex jitwaqqaf dan il-qafas huwa Direttiva, li tagħraf il-livelli differenti tal-użu u l-varar tas-SIT, filwaqt li tagħti s-setgħa u r-responsabbiltà lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi, flimkien mal-Kumitat Ewropew għas-SIT, id-dettalji tekniċi b'sostenn għall-implimentazzjoni tad-Direttiva.

7. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

Jeħtieġ il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' kwalunkwe politika ġdida tas-SIT. Il-verżjoni sħiħa tal-valutazzjoni tal-impatt tiprovdi lista ta' indikaturi possibbli biex jitkejjel il-progress dwar l-għanijiet ġenerali u speċifiċi. Huwa propost li sal-2012 jitfassal **rapport tal-progress**.